~~ta' żmenijietna, fit-taħwid ta' dinja li warrbet ħafna mill-istituzzjonijiet li ilu jattakka ħajtu kollha. Għalhekk biss Shaw li l-lum għandu fuq id-disgħin sena jmissu jħoss ruħu hieni ħafna (imma min jaf!) meta jara d-dinja f'liema taħwid tinsab. Għalhekk ħabibu H. G. Wells fil-ktieb "Man At The End of His Tether" li ħareġ ftit qabel miet wera ruħu mħasseb ħafna dwar id-destin taċ-ċiviltà. Fiż-żminijiet tagħna, hemm inqas super-stizzjoni, inqas Alla, inqas Kristu, u inqas Knisja. Id-dinja warrbet il-moralità Nisranija u quddiemha issa għandha l-bomba atomika, ir-rigal tax-xjenza li tista' kollox. Dan hu li għandha quddiemha d-dinja, il-qirda tal-bomba atomika, mingħajr ir-ražan li jiġi mil-liġi t'Alla. Għad hawn min bagħalu tama żgħira li l-bniedem mingħajr Alla u mingħajr Knisja jasal waħdu biex iwaqqaf il-qirda taċ-ċiviltà. Tama mqarrqa!~~

~~Shaw appostlu tal-qirda ġietu saltnatu aktar milli ried u ġew f'saltnathom ukoll dawk kollha li bil-ftit il-ftit ħattew is-saħħa tal-Knisja u ċ-Ċiviltà Nisranija.~~

~~Id-dramm "Geneva" huwa kwadru tal-falliment tad-dinja u ta' Shaw. Il-ħażin hu li billi Shaw qatt ma jasal biex jifhem xinhu Dnub in-Nisel u l-ħsara li ħalla warajh, qatt ma jasal biex jikteb dramm ieħor mhux fuq Geneva u l-Uno u għaqdiet oħra bħal dawn li jitwieldu fil-għodu u jmutu fil-għaxija imma fuq l-akbar dramm tad-dinja: "IL-WAQGĦA U WARA".~~

## HSIBT

Hsibt fuq il-qamar,
U rajtek kull fl-għaxija, Venere oħra,
Tofroq bil-bjuda ta' dirgħajk is-sħab,
Tilgħab, u tmiss il-kwiekeb u titfihom,
Imbagħad tittawwal minn bejn sħaba w oħra,
Titbissem; u fuq l-art u fuq l-għelieqi
Jaqa' bħal trab tal-fidda; u qalbi ferħet,
U fuq ta' ħolma ġwenħajn ħfief ittajret......
Il-lejl sar nhar, il-kwiekeb saru fjuri,
U int sirt xemx tad-deheb, bewstek ħanina
Henniet il-warda..., tnikkret fuq xuftejja
U xegħlet fija nar ta' mħabba......
Hemm kien il-qamar kollu dija, ...
U ħsibt, u twieldet f'qalbi
Il-poeżija.

31/3/50. G. B. CASSAR.